# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju, 2025**

**Numru: 15**

**Rikors Numru 1090/2020/1 FDP**

**M&M Falco Ltd (C69691)**

**v.**

**Tonio Cauchi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi kontra sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Jannar, 2024, li biha ċaħdet it-talba tagħha għall-ħlas ta' bilanċ ta' €20,000, flimkien mal-imgħax, u dan skont skrittura privata tal-20 ta' Frar, 2019, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Jean Carl Debono, b'rabta ma' bejgħ ta' bastiment.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-19 ta' Novembru, 2020, il-kumpanija attriċi, M&M Falco Limited, fissret kif, fost affarijiet oħra, taħdem fis-settur marittimu, u tinnegozja wkoll fil-bastimenti. Issemmi li bejn il-kumpanija attriċi u l-konvenut ġie maqbul l-bejgħ tal-bastiment bl-isem *Falco* u bin-numru ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd MFA7277.

3. Tkompli tfisser kif bejn il-partijiet saret skrittura privata datata 20 ta' Frar, 2019, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Jean Carl Debono, li tirregola l-istess bejgħ tal-bastiment, fejn jingħad li hija qagħdet bi sħiħ għall-obbligi tagħha, skont l-istess skrittura privata, u l-liġi.

4. Il-kumpanija attriċi tgħid li l-kwistjoni bejn il-partijiet inħolqot minħabba n-nuqqas ta' ħlas dovut mill-konvenut skont l-imsemmija skrittura privata, jiġifieri dwar il-ħlas tal-bilanċ ta' €20,000 li kellu jitwettaq mill-konvenut sat-30 ta' Awwissu, 2020. Dan il-ħlas ma twettaqx minħabba nuqqasijiet tal-konvenut.

5. Minkejja li l-kumpanija attriċi sejħet lill-konvenut għal dan il-ħlas skont il-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet, kemm permezz ta' ittra bonarja, kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2020, (li ġġib referenza 127/2020), dan kien kollu ta' xejn.

6. Għalhekk il-kumpanija attriċi ressqet din il-kawża fejn talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tikkonferma u tiddikjara li l-intimat naqas mill-obbligi ta' pagamenti tiegħu versu s-soċjetà rikorrenti skont dak miftiehem skont l-iskritturi rilevanti u, jew skont il-liġi kif opportun.*
>
> *2. Tordna u tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammonti kollha dovuti lilha kif dikjarat u skont il-liġi, u ċjoè l-ammont bilanċjali ta' għoxrin elf ewro (€20,000), u dan flimkien mal-imgħax dekorribbli skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament għas-saldu.*
>
> *Bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament għas-saldu, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja ai termini tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, enumerata 127/2020 u preżentata fit-22 ta' Ottubru 2020 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-istess ittra uffiċjali u enumerat 1460/2020, kontra l-konvenut illi huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenut Tonio Gauci ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fid-29 ta' Jannar, 2021, li permezz tagħha eċċepixxa:

> *«1. Illi hemm qbil li r-rikorrenti biegħet lill-intimat il-bastiment bl-isem 'Falco' bir-reġistrazzjoni MFA 7277, u dan permezz ta' ftehim datat 20 ta' Frar 2019 magħmul minn Nutar Jean Carl Debono. Illi mhux minnu li r-rikorrenti adempjiet bi sħiħ l-obbligi tagħha versu l-intimat stante li l-ftehim ta' bejgħ kien li tinbiegħ.*
>
> > *"…. fishing vessel named 'Falco', having the Community Fleet Register number ITA 000025170 and registration number MFA 7277 with its registered flag in Malta, a copy of the relative document from Transport Malta herewith attached as Doc A.*
>
> *Illi tali bejgħ kien jinkludi:*
>
> > *all fishing equipment situated in the said fishing vessel.*
>
> *Illi dawn qatt ma ġew mogħtija lill-intimat. Illi dawn, li jidhru b'mod ċar fir-rikaptu tas-sajd indikat fil-liċenzja tal-bastiment, liema dokument huwa anness u mmarkat Dok A1, ma ġewx ikkonsenjati lill-intimat. Illi stima sempliċi ta' dawn l-oġġetti, li kieku wieħed jixtrihom ġodda, jammonta għal ċirka €44,605 [erba' u erbgħin elf, sitt mija u ħames ewro] kif jidher fid-dokument huwa anness u mmarkat Dok A 2;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti naqset mill-obbligi tagħha peress li kien hemm kontijiet pendenti u ħsarat u dan bi ksur ai termini tal-klawsola numru 2 tal-ftehim tal-20 ta' Frar 2019 li tgħid hekk:*

> *Vendor warrants the possession of the said fishing vessel. Vendor warrants that the fishing vessel is seaworthy and that there are no pending or outstanding bills or debts burdening the said vessel.*

*Illi l-intimat spiċċa biex iħallas diversi kontijiet pendenti, ossia:*

*a) kont ma' T M Ironmongery fl-ammont ta' € 1,890 [elf tmien mija u disgħin Euro] li ma kienx tħallas u li ħallsu l-intimat kif jidher fid-dokument huwa anness u mmarkat Dok B;*

*b) kont ma' Eutimio Marine Malta [Aldo Privitera] ta' € 472 [erba' mija tnejn u sebgħin ewro] u €337 [tliet mija sebgħa u tletin ewro] li ma kienx tħallas u li ħallsu l-intimat kif jidher fid-dokument huwa anness u mmarkat Dok C1 u Dok C2;*

*c) żewġ kontijiet ma' Cooling Express ta' € 2,133.09 [elfejn mija tlieta u tletin ewro u disgħa ċenteżmi] u € 2,069.12 [elfejn u disgħa u sittin ewro u tnax-il ċenteżmu] li ma kinux tħallsu u li ħallashom l-intimat kif jidher fid-dokumenti huwa annessi u mmarkati Dok D1 u D2;*

*3. Illi is-suespost ġie kkomunikat lir-rikorrenti permezz ta' nota fl-atti tal-Ittra Uffiċjali 127/2020, u ittra legali datata 26 ta' Ottubru 2020 lill-konsulent legali tar-rikorrenti wara l-ittra tagħha tal-15 ta' Settembru 2020 kif jidher fid-dokumenti huwa annessi u mmarkati Dok E1 u E2;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimat ħallas lir-rikorrenti is-somma ta' € 70,000 [sebgħin elf ewro];*

*5. Illi għaldaqstant it-talba tar-rikorenti għandha tiġi miċħuda;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nġunt għas-subizzjoni.»*

8. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Jannar, 2024, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-kumpanija attriċi kif imressqa. Spejjeż tal-proċeduri ġew ordnati li għandhom jitħallsu mill-kumpanija attriċi. Il-Qorti ordnat ukoll in-notifika tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija,

Kummissarju tat-Taxxi u lill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex ikollhom għarfien tal-informazzjoni u fatti li rriżultaw lill-Qorti u jinvestigawhom, jekk jidhrilhom xieraq.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«21. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti kienet is-sid ta' bastiment tas-sajd bl-isem ta' 'Falco', Reġistrazzjoni Nru MFA7277, illi ġiet reġistrata mal-awtoritajiet Maltin fil-21 ta' Frar 2014 (fol 129).*

*22. Jirriżulta illi, permezz ta' ftehim datat 20 ta' Frar 2019, is-soċjetà rikorrenti ftehmet illi tbiegħ lill-intimat il-bastiment għall-prezz ta' €40,000, u fil-ftehim kien hemm imniżżel is-segwenti: (fol 6)*

> *In virtue of this private writing the vendor is selling, transferring and assigning to the purchaser who accepts, buys and acquires the fishing vessel named "Falco", having the Community Fleet Register number ITA000025170 and registration number MFA 7277 with its registered flag in Malta, a copy of the relative document from Transport Malta herewith attached as Doc "A". Inclusive of this sale are all fishing equipment situated in the said fishing vessel.*
>
> *This sale has been made under the following terms and conditions: -*
>
> > *(1) For the price of forty thousand euro (€40,000) which shall be paid as to twenty thousand euro (€20,000) by not later than the 30th August 2019 and the balance of twenty thousand euro (€20,000) by not later than the 30th August 2020. If the payments are not effected in a timely manner, the vendor reserves the right to re-take possession and ownership and the fishing vessel object of this agreement.*
> > *(2) Vendor warrants the possession of the said fishing vessel. Vendor warrants that the fishing vessel is sea-worthy and that there are no pending or outstanding bills or debts burdening the said vessel.*
> > *(3) Vendor binds itself to sign all documents as may be required so that the fishing vessel are transferred onto the name of the purchased.*

*23. Jirriżulta illi t-trasferiment ġie ffirmat u reġistrat mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fis-27 ta' Marzu 2019 (fol 117).*

*24. Jirriżulta, minn tali ftehim iffirmat quddiem in-Nutar Jean Carl Debono, illi l-partijiet kienu qed jiftehmu dan li ġej:*

> *a. Li l-prezz tal-bejgħ kien ta' €40,000, li minnhom €20,000 kellhom jitħallsu tat-30 ta' Awwissu 2019 filwaqt illi l-bilanċ kellu jitħallas sat-30 ta' Awwissu 2020.*
> *b. Li flimkien mal-bastiment kien qiegħed jinbiegħ ukoll l-armar kollu tas-sajd illi kien hemm fuqha;*
> *c. Li l-bastiment kien 'sea worthy';*

*d. Li l-bastiment ma kellu ebda kontijiet pendenti fuqu.*

***Kontenzjoni***

*25. Jirriżulta li l-intimat qed jallega illi s-soċjetà rikorrenti ma kinitx tagħtu l-affarijiet kollha meħtieġa għas-sajd kif ukoll illi kien hemm kontijiet pendenti li spiċċa kellu jħallas hu, u kien għalhekk illi huwa ma ħallasx l-ammont minn dovut.*

*26. Jirriżulta illi, da parte tagħha, s-soċjetà rikorrenti qed tinsisti illi ma kien hemm ebda dejn pendenti u li l-oġġetti kollha miftiehma ġew mgħoddija, u għalhekk ma hemm ebda raġuni 'l għaliex ma jħallasx l-intimat.*

***Ikkunsidrat***

*27. Jirriżulta, mill-affidavits tal-aħwa Marco u Massimo Centomani, diretturi tas-soċjetà rikorrenti, illi l-bastiment attwalment inbiegħ lir-rikorrenti għas-somma ta' €90,000, li minnhom €50,000 tħallsu fi flus kontanti filwaqt illi l-bilanċ kellu jitħallas kif indikat fil-ftehm tal-20 ta' Frar 2019.*

*28. Jirriżulta, għalhekk, illi ma huwiex minnu dak dikjarat fil-ftehim privat u dokumentat datat 20 ta' Frar 2019, illi l-bastiment Falco inbiegħ għal €40,000, u di fatti jirriżulta kkonfermat kemm mir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti, kif ukoll mill-intimat stess fid-difiża tiegħu, illi attwalment dana nbiegħ għall-prezz ta' €90,000.*

***Ikkunsidrat***

*29. Jirriżulta illi l-aħwa Centomani jikkontendu illi l-bastiment, qabel ma nbiegħ lill-intimat, ma kellu ebda għodda ossia rkapti meħtieġa għas-sajd, u dana kien verifikat ukoll mill-intimat stess, li kien mar jara d-dgħajsa qabel ma għadda s-somma ta' €50,000 fi flus kontanti lis-soċjetà rikorrenti u ħa pussess tad-dgħajsa u sussegwentement iffirma l-ftehim fl-20 ta' Frar 2019.*

*30. Jirriżulta illi, sussegwentement, l-aħwa Centomani jikkontendu illi l-intimat, flimkien magħhom u nies oħra illi kienu jgħinu lis-soċjetà rikorrenti, marru ġewwa garage ż-Żejtun, u għabbew varji attrezzi u rkapti illi kien hemm fil-garage u ħaduhom fuq il-bastiment illi kien issa nbiegħ lill-intimat.*

*31. Jirriżulta illi dina l-verżjoni tal-fatti hija kkonfermata minn Gabriele Bileci, illi stqarr illi għen fil-ġarr tal-affarijiet, għalkemm ma kienx jaf x'inġarr.*

*32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat jikkontendi illi huwa ma ngħatax l-irkapti illi kienu reġistrati mal-liċenzja tad-dgħajsa, liema rkapti huwa ottjena stima tagħhom, li b'kollox jiswew ftit anqas minn €45,000 (vide fol 24).*

*33. Jirriżulta, mix-xhieda tan-Nutar Jean Carl Debono, mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, illi l-partijiet, meta marru quddiemu, ġabu magħhom ukoll il-*

*Liċenzja tal-Bastiment tas-Sajd, li ġie minnhom lkoll iffirmat flimkien mal-ftehim, liema kopja tinstab a fol 92 tal-proċess.*

*34. Jirriżulta illi, f'tali dokument, hemm indikat s-serje ta' rkapti tas-sajd illi kienu reġistrati fuq il-bastiment, u l-Qorti tifhem illi dana d-dokument kien parti mill-ftehim ta' bejn il-partijiet.*

*35. Jirriżulta illi, għalkemm huwa kkonfermat illi l-bastiment ma kellux rkapti fuqu meta rah l-intimat, huwa fatt wkoll illi, WARA li ġie ffirmat il-ftehim, huma marru lkoll flimkien ġewwa garage iż-Żejtun fejn is-soċjetà rikorrenti kienet iżżomm l-affarijiet tal-bastiment, u ġarret għal fuq id-dgħajsa l-affarijiet kollha illi kellha.*

*36. Il-Qorti, għalhekk tifhem illi, filwaqt li jista' jkun illi l-bastiment kien vojt meta rah l-intimat, kieku huwa minnu dak illi r-rappreżentanti tar-rikorrenti jikkontendu li l-bastiment inbiegħ kif rah l-intimat, allura l-istess rappreżentanti ma kinux iġorru mill-garage tagħhom l-affarjiet illi kellhom tad-dgħajsa u jieħdu fuq id-dgħajsa l-affarijiet kollha li kellhom.*

*37. Il-Qorti tasal biex tikkonkludi illi, fil-mument illi l-bastiment inbiegħ "inclusive of ... all fishing equipment situated in the said fishing vessel", dan kien ifisser illi l-oġġetti kollha elenkati fil-liċenzja kienu inklużi wkoll, u l-Qorti tifhem ukoll illi, fil-mument illi l-intimat mar il-garage sabiex jiġbor l-affarjiet illi r-rappreżentanti tar-rikorrenti jikkontendu ngħatawlu 'b'rigal', huwa kien qiegħed jistenna illi jingħata l-irkapti kollha meħtieġa u reġistrati mal-bastiment mal-liċenzja tal-istess bastiment.*

*38. Tali konklużjoni hija dovuta kemm għall-fatt illi, bħala ftehim, ma kien hemm ebda ħtieġa illi tiġi annessa u ffirmata l-Liċenzja tal-Bastiment, għajr f'każ illi l-istess Liċenzja kienet indikattiva tal-affarijiet illi kienu jiffurmaw parti mill-bejgħ, kif ukoll għall-fatt illi ma hija xejn kredibbli illi s-soċjetà rikorrenti, li tikkontendi li topera fis-settur marittimu, tagħti b'rigal, attrezzi illi hija kellha stivati ġewwa garage tal-istess bastiment illi kienet għadha kif biegħet.*

*39. Il-Qorti hija konvinta illi hija ferm aktar kredibbli l-verżjoni tal-fatti kif indikati mill-intimat, ossia illi s-soċjetà rikorrenti kellha tipprovdih bl-għodda u rkapti kollha neċessarji, u li hija naqset milli tagħmel dan.*

***Ikkunsidrat***

*40. Ix-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux jitqiesu bħala kredibbli, u dana anke in vista tal-insistenza tagħhom illi, meta huma biegħu l-bastiment, ma kien hemm ebda kont pendenti fuqu.*

*41. Jirriżulta ċar, illi tali asserzjoni ma hija xejn aktar minn gidba bil-ġurament, u dana peress illi ħareġ ċar li, fil-mument illi huma biegħu l-bastiment, kien hemm kont pendenti ta' €1,890 ma' TM Ironmongery, għal varji affarijiet illi ġew akkwistati mill-istess soċjetà rikorrenti in konnessjoni mad-dgħajsa għal varji snin qabel il-bejgħ tagħha, u li eventwalment spiċċa jħallas l-intimat.*

*42. Jirriżulta wkoll illi kien hemm kont ieħor pendenti komplessivament ta' €809 ma' Eutimo Marine Malta, li kellu wkoll jitħallas mill-intimat sabiex ikun jista' jibqa' jopera bil-bastiment.*

*43. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen il-verżjoni tal-fatti kif deskritti mir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti, u ssibu ferm aktar kredibbli dak asserit mill-intimat illi s-soċjetà naqset milli tonora l-ftehim tagħha u ma pprovdietx l-għodda kollha illi kellha jkollha fil-pussess tagħha l-bastiment.*

***Ikkunsidrat***

*44. Il-Qorti tosserva illi l-intimat jikkontendi illi l-ammont bilanċjali ma għandux jitħallas peress illi s-soċjetà rikorrenti naqset mill-obbligi tagħha filwaqt illi l-irkapti kollha illi kellhom jipprovdu kienu jiswew ta' mill-anqas €45,000.*

*45. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Anthony Azzopardi, illi l-intimat ma xtara xejn minn tali irkapti, u għalhekk ma jirriżultax illi l-intimat ħallas għal xi oġġetti illi ma ġewx lilu mgħoddija.*

*46. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjetà rikorrenti ma onoratx dak minnha miftiehem, u għalhekk l-intimat huwa ġustifikat jinsisti illi ma jħallasx it-tieni rata ta' €20,000 illi huwa kien dovut li jħallas.*

*47. Jirriżulta wkoll, mill-banda l-oħra, illi għalkemm il-partijiet ddikjaraw uffiċjalment illi l-bastiment inbiegħ għas-somma ta' €40,000, fil-verità, ħareġ ċar illi attwalment il-bastiment inbiegħ versu l-prezz ta' €90,000, li minnu s-somma ta' €50,000 tħallsu fi flus kontanti, filwaqt illi dehru biss, uffiċjalment, is-somma ta' €40,000 – preżumibbilment sabiex ma jiġix dikjarat l-import kollu tal-bejgħ.*

*48. Il-Qorti tqis illi tali aġir jimmerita illi jiġi investigat mill-Awtoritajiet kompetenti tat-Taxxa u tal-Pulizija, u għalhekk ser tordna n-notifika ta' tali sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, Kummissarju tat-Taxxi u lil Financial Intelligence Analysis Unit, sabiex jieħu konjizzjoni tal-informazzjoni u fatti li rriżultaw lil dina l-Qorti.»*

10. Il-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza, b'rikors imressaq minnha fit-18 ta' Frar, 2024. L-appell tagħha jissejjes fuq tliet aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha marret lil hemm mill-azzjoni attriċi kif imressqa (*extra petita* jew *ultra petita);* (ii) li l-Ewwel Qorti għamlet

apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi; u (iii) li l-ispejjeż ġudizzjarji ma ġewx imqasma b'mod tajjeb.

11. Il-konvenut ressaq ir-risposta tal-appell tiegħu tat-18 ta' Marzu, 2024, li biha fisser għala l-appell għandu jiġi miċħud.

12. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Fl-**ewwel aggravju tal-kumpanija attriċi**, hija tilmenta li fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti marret lil hemm mit-talbiet attriċi kif imressqa (*extra petita* jew *ultra petita*). Filwaqt li ttenni li t-talbiet tagħha fir-rikors maħluf kienu sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk l-appellat naqasx mill-obbligi tiegħu li jħallas il-bilanċ ta' €20,000 dovut skont il-kuntratt tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono u li jiġi ordnat iħallas l-imsemmi bilanċ, min-naħa tiegħu l-konvenut ma ċaħadx li ma ħallasx il-bilanċ, iżda stqarr li ma ħallasx tali ammont peress li rriżulta li l-bastiment kellu difetti moħbija u li ċertu apparat ma ġiex mgħoddi lilu. Jisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li hija m'onoratx dak minnha miftiehem u li l-konvenut kien ġustifikat li ma jħallasx il-bilanċ, dan meta l-konvenut ma

ressaq l-ebda azzjoni fejn talab it-tħassir tal-kuntratt jew kontrotalba sabiex jiġu mistħarrġa ġudizzjarjament l-obbligi tagħha.

14. Jibda billi jingħad li jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn deċiżjoni *extra petita* u deċiżjoni *ultra petita*, hekk kif l-appellanti xeħtet dawn iż-żewġ kunċetti flimkien fl-ewwel aggravju tagħha. Deċiżjoni *ultra petita* hi waħda mogħtija skont it-talba, iżda li tagħti iktar milli jkun intalab, bħal meta f'kundanna għall-ħlas tingħata somma ikbar minn dik mitluba. Deċiżjoni *extra petita* hi waħda li tbiddel sostanzjalment il-*petitum* jew il-*causa petendi*, bħal meta l-attur jitlob ir-riżoluzzjoni ta' kuntratt minħabba inadempiment iżda l-imħallef iħollu minħabba impossibbiltà sopravvenuta tal-prestazzjoni[1]. Il-vizzju tal-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni huwa *error in procedendo*, li jseħħ meta l-ġudikant jippronunzja ruħu lil hemm mill-limiti tal-pretensjonijiet jew tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet, jiġifieri fuq xi ħaġa barranija għall-oġġett tal-ġudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli *ex officio*[2] (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Marzu, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Grasso v. Methode Electronics Malta Limited et***).

15. Fil-każ preżenti huwa ċar li l-aggravju tal-appellanti huwa dak tal-*extra petita* inkwantu jallega li l-Qorti qanqlet kwistjoni li ma ġietx imqanqla mill-konvenuti, kif meħtieġ. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar,

[1] ***Federico del Giudice, Il Latino in Tribunale, IV ediz***. (sena 2011) vuċi *Extra petita, ultra petita*, paġni 108-109.
[2] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanna Pace v. Kummissarju tal-Pulizija et***, kif ukoll ***Marchese Riccardo Cassar Desain v. Giovanni Spiteri*** deċiża fil-25 ta' Novembru, 1927.

2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Micallef et v. Ruben Azzopardi et***, huwa prinċipju magħruf li l-kawżali tal-azzjoni hija dik li hemm iddikjarat fir-rikors ġuramentat, u din il-kawżali ma tistax tiġi mibdula mill-Qorti u mhux imħolli li kawża tiġi deċiża fuq kawżali differenti minn dik li jkun hemm f'dak ir-rikors. Għalhekk meta jitqajjem l-aggravju tal-*extra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda.

16. Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan fejn il-ġudikant: *«jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom*» (ara ***Grazio Mercieca: Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi, p. 145***). Tajjeb li jiġi mfakkar ukoll li sentenza tkun milquta minn difett proċedurali u għalhekk titqies li hija nulla, jekk il-Qorti tilqa' eċċezzjoni fuq perspettiva differenti li ma taqax fil-qafas tal-eċċezzjoni kif imressqa, u li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun qatt tkellmet dwarha waqt il-mixi tal-kawża (ara ***Allfreight Limited v. Palm Shipping Agency Limited*** deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2021 u ***Angela Galea v. Grazio Borg et*** deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Ġunju, 2007).

17. Meta dawn il-prinċipji jitħaddmu għall-każ tagħna, filwaqt li l-azzjoni attriċi hija għall-ħlas ta' bilanċ wara bejgħ ta' bastiment u dan skont skrittura bejn il-partijiet, tajjeb li ssir distinzjoni bejn dik l-eċċezzjoni tal-konvenut li biha

jqanqal l-kwistjoni ta' ħsarat (li mix-xhieda tal-konvenut donnu jagħti lil wieħed x'jifhem li kien hemm kwistjoni ta' difett moħbi jew latenti) u dik l-eċċezzjoni fejn iqajjem kwistjonijiet dwar li l-kumpanija attriċi ma qdietx bis-sħiħ l-obbligi tagħha. Dan jingħad peress li huwa prinċipju stabbilit, li fejn ix-xilja hija li l-ħaġa mibjugħa hija milquta minn difetti jew nuqqasijiet li ma jagħmluhiex tajba għall-iskop li għaliha nxtrat, mela allura x-xerrej konvenut ma jistax jilqa' għat-talba tal-ħlas mill-bejjiegħ attur billi jqanqal id-difiża redibitorja (i.e. tat-tħassir tal-kuntratt ta' bejgħ) permezz ta' eċċezzjoni. Jeħtieġ li x-xerrej iressaq l-ilment tiegħu permezz tal-azzjoni xierqa fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi (ara, s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Baldacchino v. Anthony Saliba*** u dik tal-31 ta' Jannar, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Borg et v. John Falzon****)*.

18. Min-naħa l-oħra, huwa paċifiku li l-allegazzjoni ta' inadempiment tista' tiġi ssollevata "*per via d'eccezione*". Fil-kawża fl-ismijiet ***Fr. Colin Apap v. Kevin Vassallo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tal-25 ta' April, 2008, l-attur f'dik il-kawża saħaq li d-difiża tal-konvenut ma kinitx sostenibbili "*ope exceptionis*", fis-sens li jekk il-konvenut kien qiegħed isostni li l-attur naqas mill-obbligi tiegħu, hu messu azzjona lill-attur biex iwettaq l-obbligi tiegħu jew inkella li jitlob li jiġi maħlul mill-obbligi tiegħu. Iżda kemm l-Ewwel Qorti u dik tat-tieni grad ma qablux u sostnew li:

> « *L-eċċezzjoni inadempleti contractus hi bażata fuq ir-raġuni ġuridika illi jekk wieħed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligu tiegħu di fronte għall-kontraent l-ieħor, ikun immorali li hu jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li*

> *għamel dik il-vjolazzjoni, għaliex da parti tiegħu hemm vjolazzjoni oħra tal-kuntratt. (**Vol XXX pI p155; Vol XLIX pI p518; Vol L pII p323**).*
>
> *Illi l-konvenut seta' jagħżel bejn żewġ alternattivi sabiex jiddefendi ruħu; ċjoè, jew ifittex li jinħall mill-kuntratt permezz ta' azzjoni ad hoc bażata fuq il-patt kommissorju, jew inkella jopponi t-talba attriċi bl-eċċezzjoni tal-inadempiment.*
>
> *Illi għalhekk hi fehma tal-Qorti li ma kien hemm xejn x'iżomm lill konvenut milli jressaq l-eċċezzjoni tal-inadempiment tal-obbligi assunti mill-attur minflok ma jaġixxi b'azzjoni bażata fuq il-patt kommissorju.*»

19. B'hekk, għalkemm huwa minnu li l-konvenut ma ressaq l-ebda kontrotalba, meta ressaq l-eċċezzjoni li l-istess kumpanija attriċi naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, hu qiegħed jittanta jwaqqaf l-azzjoni avversarja fis-sens li l-kumpanija attriċi stess m'eżegwitx l-obbligazzjoni tagħha, u għalhekk ma tkunx tista' tottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollha toqgħod għal dik is-sitwazzjoni. Id-dritt għal kontroprestazzjoni jibqa' eżistenti, imma jkun sospiż minħabba l-inadempiment tal-istess attur (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet ***Av. Dr. Luigi Sansone nomine v. Nicola Romano*** fejn hemm saret referenza għas-sentenza ***Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et***, Appell Kummerċjali tat-12 ta' Marzu, 1965).

20. Minn dan jinżel, li meta l-Ewwel Qorti daħlet fil-mertu tal-eċċezzjonijiet u wara li qieset il-provi fl-atti waslet għall-konklużjoni li l-konvenut kien ġustifikat li ma jħallasx il-bilanċ mitlub mill-kumpanija attriċi, lil hemm mill-mertu tat-tieni aggravju li għad irid jiġi mistħarreġ, hija ma kinitx qiegħda tiddeċiedi xi ħaġa barranija għall-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Wara kollox, il-

kumpanija attriċi kienet qiegħda ssejjes il-pretensjonijiet tagħha fuq il-ftehim skont l-iskrittura tal-20 ta' Frar, 2019 u fil-premessi tar-rikors promotur jingħad minnha li hija qdiet l-obbligi kollha tagħha skont l-istess skrittura. Ġaladarba l-konvenut jikkontesta dak li jingħad mill-kumpanija attriċi permezz tal-eċċezzjoni tal-inadempiment tal-obbligi tal-kumpanija attriċi, xi ħaġa li kif rajna tista' ssir, ma jistax issa jingħad li l-Qorti ddeċidiet fuq xi ħaġa barranija mill-mertu tal-kawża.

21. Għalhekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-kumpanija attriċi mhuwiex wieħed mistħoqq.

22. Ngħaddu għat-**tieni aggravju tal-kumpanija attriċi**, dak fejn issostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi. L-appellanti tirreferi kemm għall-iskrittura privata li minnha jirriżulta l-bilanċ suġġett ta' din il-kawża kif ukoll għal dak li xehdu Massimo Centomani u Marco Centomani dwar in-negozjati mal-konvenut fejn jgħidu li l-konvenut kien ra l-bastiment qabel il-kuntratt, li wassal għall-bejgħ tal-bastiment '*Falco*' bil-prezz ta' €90,000 li kellhom jitħallsu fi flus kontanti. Jingħad ukoll minn dawn iż-żewġ xhieda li dan il-ftehim ma kienx jinkludi l-irkapti kollha li l-bastiment Falco kien awtorizzat għalihom skont il-liċenzja maħruġa mid-Dipartiment għas-Sajd u li fuqu kien hemm biss il-winċ (b'referenza għall-konz) u xi ftit affarijiet oħra. Il-kumpanija appellanti tisħaq li ma sar l-ebda kontroeżami ta' dawn ix-xhieda mill-konvenut appellat.

23. Jingħad ukoll minnha li l-kuntratt bejn il-partijiet kien jipprovdi li l-bejgħ kien jinkludi "*all fishing equipment situated in the said fishing vessel*". Għalhekk tgħid li l-affarijiet l-oħra tas-sajd indikati mill-appellat ma kinux fuq il-bastiment u allura ma kinux inklużi. Il-kumpanija appellanti żżid tgħid li l-appellat la kkontradixxa x-xhieda tal-aħwa Centomani u lanqas semma liema apparat tas-sajd kien nieqes. Tinsisti li ladarba l-konvenut laħaq spezzjona d-dgħajsa tas-sajd qabel il-bejgħ u l-ftehim kien ċar li l-apparat inkluż fil-bejgħ kien dak li jinstab fuq id-dgħajsa, mela allura l-konvenut ma jistax issa jilmenta. Dan minbarra l-fatt li l-prezz oriġinarjament mitlub mill-venditriċi kien dak ta' €130,000, li niżel għal €90,000 proprju peress li l-bastiment kien qiegħed jinbiegħ mingħajr irkaptu u li kien ser jitħallas fi flus kontanti. Għalhekk tikkontesta x-xhieda tal-konvenut meta jingħad minnu li dawn l-irkapti huma parti integrali mill-bastiment li jintuża għas-sajd u li ma kienx ser jixtri l-bastiment mingħajr l-affarijiet kif indikati fir-rikapitu.

24. Jingħad mill-appellanti li sa fejn il-konvenut appellat ilmenta minn difett latenti, mill-provi ma rriżultax li l-bastiment kellu tali difetti, iżda l-unika prova li saret kienet dik li tressaq xhud li stqarr li għamel xi xogħol ta' tiswijiet fuq il-friża, li qal li għalkemm din kienet taħdem, biddel xi pajpijiet sabiex tkun tista' taħdem aħjar. Dan minbarra l-fatt li jekk kemm-il darba l-konvenut kien iħossu ngannat minnha li naqset fl-obbligi tagħha meta biegħet il-bastiment, wieħed kien jistenna lill-konvenut jieħu l-inizjattiva u l-passi meħtieġa, sabiex iħares il-

pożizzjoni tiegħu u mhux jistenna li jintalab il-ħlas tal-bilanċ sabiex iressaq tali pretensjoni.

25. Filwaqt li l-kumpanija appellanti tagħmel referenza għall-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti nnutat id-diskrepanza bejn il-prezz tal-bejgħ tal-bastiment fl-ammont ta' €90,000 u l-ammont li ġie ddikjarat fuq l-iskrittura privata, dak ta' €40,000, fejn allura ma kienx iddikjarat id-dħul kollu tal-bejgħ, tgħid li kienet hija stess li ressqet provi f'dan ir-rigward, jiġifieri l-ammont li tħallas u kif tħallas u li hija dejjem imxiet mal-liġi.

26. Fl-aħħar nett, l-appellanti tagħmel referenza għall-prinċipji dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, fis-sens li meta jkun hemm kliem ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni u li f'każ ta' dubju, l-interpretazzjoni għandha tmur favur il-parti li ntrabtet bl-obbligazzjoni u kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni (**Artikoli 1002** u **1009 tal-Kodiċi Ċivili**).

27. Din il-Qorti ser tibda tindirizza dan l-aggravju b'ħarsa lejn dawn l-aħħar provvedimenti tal-liġi li fuqhom tistrieħ l-appellanti sabiex issaħħaħ l-argument tagħha. Tabilħaqq fejn tidħol il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, l-ewwel prinċipju li japplika huwa dak ta' *pacta sunt servanda*, jiġifieri li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi. Sfiq ma' dan il-prinċipju hemm prinċipju ieħor, dak ta' *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non feritur*, jiġifieri dak li jirriżulta minn prova bil-miktub, mhux meħtieġ li titressaq prova

ulterjuri tagħha. Fil-fatt, huwa minnu li l-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li fejn il-kliem ta' att meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni.

28. F'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni huwa l-ġudikant li għandu b'mod oġġettiv jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fl-att inkwistjoni. Għalhekk, fejn il-kontenut tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim, kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti ma jkunx xieraq għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura tifsira differenti, minn dak liberament espress mill-kontraenti, għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa: *in claris non fit interpretatio* (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet ***Gaming Operations Limited v. Insignia Cards Limited***).

29. Hekk ukoll, fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, mhux l-interpretazzjoni tal-partijiet għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa important hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lil kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot. Dan minbarra li, skont l-**Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili:** «*fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni*» (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***James L. Hawkins v. Seasus Limited***). Dan kollu naturalment irid jitqies ukoll fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-

**Artikolu 1351A tal-Kodiċi Ċivili**, *viz.* li kull ftehim marbut mal-bejgħ jew xiri ta' bastimenti għandu jiġi regolat mit-termini u l-kundizzjonijiet milħuqa bejn il-partijiet, tant li f'każ ta' kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi Ċivili** għandhom dejjem jirbħu dawk it-termini u kundizzjonijiet.

30. Il-kumpanija attriċi tistrieħ fuq l-iskrittura tal-20 ta' Frar, 2019, li l-bejgħ kien ta' «*the fishing vessel named 'Falco' having…registration number MFA 7277 with its registered flag in Malta, a copy of the relative document from Transport Malta herewith attached as Doc. 'A'. Inclusive of this sale are all fishing equipment situated in the said fishing vessel.*» Mill-kopja tad-dokument mehmuż mal-imsemmi ftehim esibit min-Nutar Jean Carl Debono, jirriżulta li dan id-dokument (maħruġ mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura) huwa l-Liċenzja tal-Bastiment tas-Sajd, li fih hemm elenkati tlettax-il irkaptu tas-sajd reġistrati fuq dan il-bastiment, li hija tassew iffirmata mill-partijiet li dehru fuq il-ftehim ta' bejgħ.

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni tal-ftehim huwa ċar, fis-sens li kif jingħad mill-kumpanija attriċi, il-bejgħ tal-bastiment kien jgħodd flimkien miegħu dak it-tagħmir kollu li kien jinsab fuq il-bastiment fil-mument tal-bejgħ u f'dan is-sens, għandha raġun il-kumpanija attriċi appellanti. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti meta ngħad minnha li: "*inclusive of ...all fishing equipment situated in the fishing vessel*" ifisser li l-oġġetti mniżżla fil-liċenzja kienu inklużi wkoll. Dan jingħad peress li minkejja l-fatt li kien hemm il-

liċenzja mehmuża mal-ftehim li ġiet iffirmata mill-partijiet, dan fih innifsu m'għandux jittieħed bħala prova tal-intenzjoni tal-partijiet li jinkludu tali rkapti bħala parti mill-oġġett għall-bejgħ, kif ingħad mill-Ewwel Qorti. Li kieku l-partijiet riedu jinkludu l-irkapti msemmija fil-liċenzja bħala parti mill-oġġett tal-bejgħ, ġaladarba kif jingħad mill-konvenut appellat, dawn l-irkapti huma oġġetti tanġibbli, kien aktar jagħmel sens li jitniżżel fil-ftehim b'mod ċar li dawk l-irkapti hemm imsemmija, kienu qegħdin jinbiegħu flimkien mal-bastiment u mhux jingħad li l-bejgħ kien qiegħed isir b'dak li hemm fuq il-bastiment.

32. Dan jingħad ukoll peress li mix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sajd, Raymond Caruana, jirriżulta li ngħad li l-irkapti li jkunu fuq il-bastiment ikunu dawk skont is-sajda li tkun ser issir[3] u meta jsir it-trasferiment tal-bastiment, id-Dipartiment ma jiċċekkjax l-irkapti li jkun hemm fuqu. It-trasferiment tal-bastiment li tinkludi t-trasferiment tal-liċenzja, ma jfissirx li sar it-trasferiment tal-irkapti kollha, għaliex dan jiddependi mill-ftehim li jkun sar bejn il-partijiet. L-elenku fuq il-liċenzja tirrappreżenta biss il-fatt li sid il-bastiment huwa awtorizzat mid-Dipartiment li juża dawk l-irkapti hemm elenkati[4], iżda jekk it-tagħmir ta' dawk l-irkapti jkunux inklużi jew le fit-trasferiment minn sid għal ieħor ma jidħlux fiha. Fl-ittra ta' tagħrif li tinħareġ mid-Dipartiment jkun hemm biss li l-bastiment ġie trasferit mis-sid ta' qabel għas-sid il-ġdid[5]. Ix-xhud Caruana jkompli jfisser li meta persuna tirreġistra l-bastiment għall-ewwel

---

[3] Ara paġna 94 tal-proċess.
[4] Ara fuq wara ta' paġna 96.
[5] Ara dokument datat 27 ta' Marzu, 2019 f'paġna 117 tal-proċess.

darba jsir ċensiment fejn is-sid jiddikjara l-irkapti kollha li jkollu (f'dan il-każ kien hemm tlettax-il irkaptu) iżda d-Dipartiment ma jwettaqx verifika ta' dak li jiġi dikjarat[6]. L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li s-sid jinħarġulu l-permessi mid-Dipartiment skont dak dikjarat.

33. Filwaqt li l-Ewwel Qorti qieset bħala mhux kredibbli l-verżjoni tar-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi meta ngħad minnhom li meta nġarr il-bastiment kienu ngħataw lill-konvenut numru ta' oġġetti oħra li kien hemm fil-garaxx fejn kien hemm il-bastiment b'rigal (u allura ngħataw oġġetti oħra li ma kinux fuq il-bastiment), din il-Qorti aktar ma ssibx kredibbli l-verżjoni tal-konvenut. Li kieku l-konvenut kien qiegħed jippretendi l-konsenja tal-irkapti kollha elenkati fil-liċenzja, meta ħa l-konsenja tal-bastiment fl-20 ta' Frar, 2019, ma kienx ser idum sena u tmien xhur[7] sabiex jagħmel elenku tal-affarijiet li kellu neqsin fuq il-bastiment, mill-irkapti elenkati fil-liċenzja! Il-fatt li l-konvenut qabbad lil min jagħmillu stima ta' dawk l-irkapti li kellu nieqsa (li saħansitra saret fil-mori tal-kawża[8]) qajla jista' jingħad li ssostni t-teżi tal-konvenut li dawn kienu parti mill-oġġett ta' bejgħ. Il-konvenut qatt ma sejjaħ lill-kumpanija attriċi għall-konsenja ta' dawk l-irkapti li issa qiegħed isostni bħala parti mir-raġuni l-għala ma ħallasx il-bilanċ.

---

[6] Ara paġna 128 tal-proċess.

[7] Skont l-ittra legali datata 26 ta' Ottubru, 2020, li saret mid-difensur tal-konvenut bi tweġiba għas-sejħa għall-ħlas mill-kumpanija attriċi – ara paġna 58 tal-proċess.

[8] Ara Dok. "A" datat 27 ta' Jannar, 2021 f'paġna 24 tal-proċess.

34. Għalkemm huwa minnu li l-**Artikolu 1398 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li fl-obbligu tal-kunsinna tal-ħaġa jidħol ukoll l-obbligu tal-kunsinna tal-aċċessorji u ta' dak kollu li għandu jservi għall-użu ta' dejjem tal-ħaġa nnifisha, kif rajna l-irkapti kollha mniżżla fil-liċenzja mhumiex meħtieġa sabiex jitħaddem il-bastiment tas-sajd, iżda huma marbuta mal-permess tas-sajd li jkun ser isir. Tant hu hekk, li minkejja li jingħad mill-konvenut appellat fix-xhieda tiegħu li dawn l-affarijiet kienu parti integrali mill-bastiment u li ma kienx ser jixtri l-bastiment jekk mhux bl-affarijiet indikati fl-irkaptu, sadattant għamel użu mill-bastiment għal sena u tmien xhur sħaħ, mingħajr ebda farka ta' prova ta' ilment.

35. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Mejju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Limited v. Pierre Carabott***, ix-xerrej għandu dritt li jirrivendika dawk l-aċċessorji, jekk ikun għadhom jeżistu *in natura* u mhux jitlob l-ekwivalent tagħhom meta huwa jagħżel li jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-konvenut kellu l-għażla li jew jitlob ir-riżoluzzjoni tal-ftehim jew l-eżekuzzjoni tiegħu fis-sens ta' talba ġudizzjarja għall-konsenja tal-aċċessorji li jgħid li huma neqsin fil-mument tal-konsenja. Iżda ma jistax jippretendi li jibqa' passiv, iżomm il-bastiment u jippretendi wkoll li jirreżisti t-talba għall-ħlas, billi jippretendi tnaqqis fil-prezz. Wara kollox kif ingħad drabi oħra, xerrej ma jistax iżomm il-ħaġa, jinqeda biha mqar għal ftit żmien, u mbagħad, meta jkun imfittex biex iħallas prezzha, joġġezzjona minħabba n-nuqqas ta' adempiment

(ara wkoll s-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) deċiża fid-9 ta' Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***M.A.S. Communications Ltd v. METCO Ltd***).

36. Għalhekk, fin-nuqqas ta' dubju, dwar l-oġġett tal-bejgħ, din il-Qorti ma tara ebda ħtieġa li tħaddem l-**Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili**, u fil-prinċipju taqbel mal-kumpanija appellanti dwar l-interpretazzjoni mogħtija minnha lill-kuntratt.

37. Sa fejn il-kumpanija appellanti tilmenta dwar il-kwistjoni li fejn ikun hemm difett latenti, kien meħtieġ mill-konvenut li jieħu l-passi meħtieġa, sabiex iħares il-pożizzjoni tiegħu, lil hemm mill-fatt li tabilħaqq il-provi wrew li x-xogħlijiet imwettqa fuq inkarigu tal-konvenut kienu sabiex isir titjib fis-sistema tal-friża tad-dgħajsa u mhux għaliex kien hemm xi difett fil-bastiment[9], dan il-punt ġie indirizzat taħt l-ewwel aggravju, meta ngħad li l-kwistjoni ta' difett m'għandhiex titqajjem b'eċċezzjoni iżda ssir permezz ta' kawża *ad hoc*. Għalhekk, ma hemmx għalfejn din il-Qorti tidħol fih aktar. Wara kollox, l-Ewwel Qorti ma tatx wisq piż lil din id-difiża tal-konvenut.

38. Min-naħa l-oħra, għandu raġun il-konvenut appellat meta jsemmi l-fatt li l-kumpanija attriċi fl-appell tagħha ma tagħmel l-ebda referenza għall-fatt li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ssejset ukoll fuq eċċezzjoni oħra tal-konvenut, dik

[9] Ara xhieda ta' Anthony Azzopardi f'paġna 148 tal-proċess.

fejn jingħad minnu li minkejja li fuq il-ftehim il-kumpanija venditriċi ntrabtet ukoll li ma kien hemm l-ebda djun jew kontijiet pendenti b'rabta mal-imsemmi bastiment, il-provi wrew mod ieħor.

39. Din l-eċċezzjoni tissejjes fuq il-prinċipju tal-inadempiment tal-obbligi li bihom intrabtet il-kumpanija attriċi. Huwa magħruf li r-rekwiżiti tal-eċċezzjoni '*inadimplenti non est adimplendum'* huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti integrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalità bejn l-inadempjenza tal-partijiet u ċjoè li n-nuqqas tal-attur relattivament għall-prestazzjonijiet li huwa jesiġi mill-konvenut tkun ta' ċerta gravità (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Multi Packaging Limited v. Thomas Linke***, dik tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-20 ta' Ottubru, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Engineering Services Ltd v. Reuters Malta Ltd***; u ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Demicoli et nomine v. Angelic Mifsud proprio et nomine***).

40. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Plant Limited v. Water Services Corporation***, din il-Qorti qieset li dawn it-tliet rekwiżiti, u speċjalment dak tal-aħħar, huma mirja tal-prinċipju li mhux kull nuqqas fit-twettiq ta' xi kuntratt jista' jintuża bħala pretest biex iġib fix-xejn dik ir-rabta kuntrattwali (ara ***Suncrest Hotels plc v. Roger Degaetano et***

mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023). Tassew, huwa mgħallem u aċċettat li meta l-inadempjenza ma tkunx waħda serja, l-eċċezzjoni tal-inadempjenza ma tkunx tqajmet b'rieda tajba (ara f'dan is-sens ***William Louis John Coyle v. Brian Vella et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022).

41. Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***George Falzon et v. Carmelo Falzon et***, huwa magħruf li meta din il-Qorti tħabbat wiċċha ma' akkużi reċiproċi ta' inadempiment, ġaladarba jiġi żgurat li tassew ikun hemm inadempiment reċiproku, hija jeħtiġilha mbagħad tagħmel stħarriġ komparattiv tal-imġiba tal-parti mal-oħra billi tqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalità u kif ukoll il-korrispettività tal-obbligi li baqgħu ma twettqux. Dan bil-għan li jiġi determinat jekk l-inadempjenzi għandhomx l-istess importanza jew jekk l-inadempjenza l-waħda għandhiex tirbaħ fuq l-oħra, sabiex imbagħad il-Qorti tkun f'qagħda li tgħid jekk dawk in-nuqqasijiet jagħtux raġun lil xi parti jew kinux il-ħtija tal-parti l-oħra (ara ***AX Construction Ltd v. Tony Mallia Bonello*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru, 2005 u ***Savemart Company Limited v. M.A. Supermarkets Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Marzu, 2009).

42. Fil-każ taħt eżami l-kumpanija attriċi tfittex lill-konvenut għall-ħlas tal-bilanċ ta' €20,000 mill-ammont ta' €90,000 rappreżentanti l-prezz tal-bastiment mibjugħ minnha, kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kawża, filwaqt li l-konvenut jixli

lill-appellanti, fost affarijiet oħra, li naqset milli tikkonsenjalu bastiment li ma kellux djun jew kontijiet pendenti marbuta miegħu. Il-konvenut jammetti li ma ħallasx il-bilanċ ta' €20,000, iżda jqanqal in-nuqqas tal-kumpanija attriċi bħala raġuni għala m'għamilx il-ħlas mitlub. Mill-provi rriżulta li l-konvenut tabilħaqq kellu jħallas kontijiet li l-kumpanija attriċi kellha pendenti b'rabta mal-imsemmi bastiment, peress li fin-nuqqas li jħallas il-kontijiet pendenti, ma kienx ser jingħatalu l-apparat u tagħmir ieħor meħtieġ għall-bastiment[10]. Dawn il-kontijiet imħallsa mill-konvenut jagħmlu total ta' €2,699[11].

43. Minn ħarsa lejn dawn iż-żewġ inadempjenzi, tabilħaqq jista' jingħad li hemm diskrepanza sostanzjali li tpoġġi f'dubju l-proporzjonalità meħtieġa sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-konvenut. Dan ifisser li kunsidrat il-valur reali tal-bejgħ tal-bastiment ta' €90,000, u l-kontijiet imħallsa mill-konvenut b'rabta mal-imsemmi bastiment ta' €2,699, ma jitqiesx li l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut tal-inadempjenza sabiex ma jħallasx il-bilanċ ta' €20,000, saret b'rieda tajba u dan skont il-prinċipju msemmi qabel fis-sentenza ta' ***William Louis John Coyle v. Brian Vella et***. Fis-sewwa jingħad li għandha raġun il-kumpanija appellanti u fin-nuqqas ta' kontrotalba, it-talba tal-appellanti għall-ħlas tal-bilanċ ta' €20,000 għandha tintlaqa' fis-sħiħ.

44. Madankollu, hemm punt ieħor imqanqal mill-appellanti fit-tieni aggravju tagħha, dak fejn issir referenza għas-sentenza appellata fejn jingħad mill-

[10] Ara xhieda ta' Aldo Privitera fuq wara tal-paġna 150 tal-proċess.
[11] Ara dokumenti B, C1 u C2 mar-risposta maħlufa (1890+472+ 337).

Ewwel Qorti li hemm diskrepanza bejn il-prezz tal-bejgħ tal-bastiment fl-ammont ta' €90,000 u l-ammont li ġie ddikjarat fuq l-iskrittura privata, dak ta' €40,000, fejn allura ma kienx iddikjarat id-dħul kollu tal-bejgħ.

45. Fil-fehma ta' din il-Qorti jgħodd għal dan il-każ dak li ngħad minn din l-istess Qorti fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Settembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Elton Mamo v. Dr. Arthur Azzopardi nomine***, li għalkemm f'dak il-każ kien jitratta ammont iddikjarat fuq konvenju, li kien differenti minn dak miftiehem u dan b'rabta ma' bejgħ ta' immobbli, xorta jitqies validu sa ċertu punt għall-każ taħt eżami. Dan jingħad b'rabta mal-«*kawża*» tal-obbligazzjoni għall-għanijiet tal-**Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili**. Din tmur lil hemm mill-korrispettiv miftiehem bejn il-partijiet, u għalhekk il-fatt waħdu li fil-ftehim tal-20 ta' Frar, 2019, tniżżel prezz differenti minn dak li kienu qablu dwaru l-partijiet, ma jagħmilx dak il-ftehim awtomatikament imtappan b'kawża illeċita jew kawża falza.

46. Tassew, fil-kawża fl-ismijiet *L**-Avukat Dottor Tonio Fenech et nomine v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri proprio et nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023, ġie mfisser li għall-għanijiet tal-**Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili**, il-«*kawża*» tal-obbligazzjoni hija meħuda li tfisser bħala l-«*cur se obligavit*» jew fi kliem aktar sempliċi: «*l-iskop li n-negozju jimmira li jilħaq*» (ara wkoll ***Peter Cassar Torregiani nomine et v. Onorevoli Dominic Mintoff nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Ottubru, 2014 u ***Albert***

***Mizzi v. Silvio Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Jannar, 2006).

47. Fil-każ li għandha quddiemha llum din il-Qorti, il-provi fl-atti juru li l-iskop wara n-negozju bejn il-partijiet kien qiegħed jimmira li jilħaq ma kienx sabiex issir xi ħaġa li hija projbita mil-liġi, kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku (ara f'dan is-sens l-**Artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili**). Iżda l-għan wara n-negozju inkwistjoni kien sempliċement it-trasferiment ta' bastiment minn fuq isem il-kumpanija attriċi appellanti għal fuq isem il-konvenut appellat, u dan bil-għan li dan tal-aħħar isir is-sid tal-bastiment. Żgur li b'daqshekk ma hemm xejn illegali, kontra l-għemil xieraq jew kontra l-ordni pubbliku.

48. Lil hemm mill-fatt li mill-provi jirriżulta li tabilħaqq il-partijiet kienu ftiehmu fuq il-prezz ta' €90,000 bħala prezz tal-bejgħ tal-bastiment, u li allura l-prezz iddikjarat fuq l-iskrittura privata ta' €40,000, mhuwiex il-prezz veru, min-naħa l-oħra, ma jistax jingħad li jirriżulta l-għala l-partijiet iddeċidew li fuq l-iskrittura privata jitniżżel prezz b'ieħor.

49. F'għajnejn il-liġi dan jagħmel il-ftehim bejn il-partijiet milqut b'simulazzjoni relattiva għaliex mhux biss hemm «*divergenza voluta tra la volontà e la dichiarazione*», iżda wkoll għaliex iż-żewġ partijiet fuq il-ftehim kienu tal-istess fehma, u sewwasew qablu li jniżżlu fuq il-karta l-prezz ta' €40,000 minflok il-prezz veru ta' €90,000 (ara f'dan is-sens ***Annot Company***

***Limited v. Roberto Carlos Calleja*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru, 2017).

50. F'dan ir-rigward, huwa mifhum u aċċettat, li sakemm is-simulazzjoni tkun waħda relattiva u dik is-simulazzjoni ma ssirx bil-għan li tagħti libsa legali lil dak li kieku huwa illegali, il-konsegwenza m'għandhiex tkun in-nuqqas ta' eżegwibilità ta' dak il-ftehim, iżda li r-realtà tipprevali fuq id-dieher, jew fi kliem aktar sempliċi, li l-ftehim jiġi eżegwit mhux bil-mod ta' kif ikun inkiteb fuq il-karta, iżda bil-mod u manjiera ta' kif il-partijiet tassew ftehmu (ara ***Highway Auto Company Limited v. A.C.K. Limited et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar, 2013, u n-noti tal-**Professur V. Caruana Galizia**, «***Notes on Civil Law: Obligations***», mitbugħa mill-Għaqda Studenti tal-Liġi, f'paġna 25).

51. F'qafas bħal dan, u ġaladarba li m'hemm xejn illegali jew illeċitu fil-fatt li l-konvenut akkwista l-bastiment 'Falco' bil-prezz ta' €90,000 minflok dak ta' €40,000, il-Qorti jidhrilha li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-ftehim inkwistjoni ma jistax jingħata effett bil-patti u kundizzjonijiet kollha li hemm fih, għajr għall-prezz, li għandu jkun dak li verament ġie maqbul bejn il-partijiet u mhux b'dak fittizju ta' €40,000 li tniżżel fl-iskrittura ta' bejniethom. B'danakollu billi jista' jkun suspettuż għaliex il-partijiet iddikjaraw prezz inqas, din il-Qorti sejra tordna fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti għal kull stħarriġ li jidhrilhom xieraq.

52. Isegwi li dan it-tieni aggravju tal-kumpanija attriċi jirriżulta li jixraq li jintlaqa' u l-appell tal-kumpanija attriċi sejjer għalhekk jiġi milqugħ biss f'parti minnu.

53. Jonqos l-aħħar aggravju tal-kumpanija attriċi appellanti, dak dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. Peress li l-appell ser jintlaqa' f'parti minnu, kif ukoll peress li jitqies li ż-żewġ partijiet fil-kawża jaħtu indaqs għall-fatt li ddikjaraw prezz b'ieħor, din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, kemm ta' dan l-appell, kif ukoll tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa' f'parti minnu** l-appell tal-kumpanija attriċi appellanti u għalhekk qiegħda tħassar is-sentenza appellata u minflok:

i. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqanqla mill-konvenut appellat;

ii. Tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li l-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu ta' ħlas fil-konfront tal-kumpanija attriċi skont dak miftiehem;

iii. Tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpanija attriċi l-ammonti kollha dovuti lilha, jiġifieri l-bilanċ ta' €20,000, u dan flimkien mal-imgħax dovut skont il-liġi, sad-data tal-pagament effettiv; u

iv. Tordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, Kummissarju tat-Taxxi u lill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, sabiex ikollhom għarfien tal-informazzjoni u tal-fatti li rriżultaw lill-Qorti dwar il-prezz tal-bastiment u jekk jidhrilhom iwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom u jieħdu l-passi meħtieġa.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da